# Tagħrif dwar il-faċċata tal-ktieb: Bonnici Cali Rafel 1907 - 2002



Twieled Ħal Tarxien fis-6 ta' Lulju 1907. Iben Alfredo Bonnici u Marija Karmela Cali. Studja l-iskola tal-Arti tal-Gvern, 1926. Għallem għal xi żmien fl-iskola Teknika u fil-Liċeo u kien restawratur fil-Mużew Nazzjonali. Ħadem ħafna f'dan ir-raħal kemm bil-kitbiet tiegħu kif ukoll f'għaqdiet parrokkjali. Pinġa ħafna kwadri, l-aktar dwar il-Madonna. Għall-ħidma tiegħu b'riżq l-arti nħatar membru Kavallier tal-Grazzja Maġisterjali mill-Ordni ta' San Ġwann fl-1985. Miet fis-6 ta' Awwissu 2002 u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien.

Il-Kwadru jirrappreżenta l-Madonna tal-Karmnu ma' San Elija, San Xmun Stokk u l-Papa Piju V.



